# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 1.6

**Kap 1 : Il-pjaċir ta' flimkien.**

**Lezzjoni 1.6 l-Ispirtu s-Santu jgħinna tassew**

**L-għanijiet:**

**L-istudenti:**




1. Jisimgħu l-istorja ta' meta l-Appostli kienu flimkien wara l-mewt ta' Ġesù.
2. Janalizzaw l-emozzjonijiet li setgħu kienu qegħdin iħossu dakinhar l-Appostli.
3. Jisimgħu x'ġara meta ġie l-Ispirtu s-Santu.
4. Jiddiskutu x'għamlu l-Appostli biex wara din il-ġrajja xandru lil Ġesù kullimkien.
5. Jifhmu li bħall-appostli jekk irridu l-qawwa, irridu nitkellmu ma' Alla.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- IWB
- Powerpoint numru 1 (l-istorja ta Jake)
- Powerpoint numru 2 (L-Appostli)
- Karta ta' worksheet 1.6



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Iddiskuti mal-istudenti kif inħossuna meta nkunu weħidna. Iżda jiġri xi ħaġa u nibdew inħossuna aħjar. X'ikun ġara?
  Kif nibdew inħossuna?
- Uri l-powerpoint ta' Jake u oħtu.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Wara l-powerpoint, staqsi xi mistoqsijiet fuq l-istorja ta' Jake:
   - Għaliex Jake ħassu mdejjaq?
   - Kif beda jġib ruħu Jake?
   - Xi ġralhom il-membri tal-familja?
   - X'tgħallem Jake?
   - Kif Jake ġab il-karozza lura?



2. Fakkar fuq min kienu tkellmu l-ġurnata ta' qabel fejn jidħol l-Ispirtu s-Santu.
3. Fakkar fl-Evanġelisti.
4. Spjega li dan li ħa jaraw ġara qabel ma' l-Evanġelisti kitbu l-Evanġelju – ferm qabel. Hawnhekk urihom il-vidjow clip dwar il-miġja tal-ispirtu s-Santu fuq l-Appostli - http://www.youtube.com/watch?v=jNiApXVR9go - pentecost
5. Spjega kif l-Ispirtu s-Santu għenhom sa mill-bidu nett, hekk kif Ġesù qam u allura bagħatilhom l-Ispirtu s-Santu.
6. Spjega l-istorja.

7. Staqsi: Kif ħassewhom l-Appostli meta kienu msakkrin? Lil min irċevew? Kif inbidlu l-Appostli? X'għamlu l-Appostli?
8. Uri powerpoint numru 2 (L-Appostli).
9. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 1.6 u wara li tispjega s-silta mogħtija, stieden lit-tfal biex bħala klassi jiddiskutu Attivita` 1 u flimkien ikomplu l-istorja.
10. Spjega Attività 2 u fuq bażi ta' klassi jew grupp ħalli lit-tfal jiddiskutu u jsemmu żewġ ismijiet ta' Appostli u kif dawn setgħu ħassewhom.
11. Stieden lit-tfal jaqsmu ma' xulxin dak li jkunu kitbu.
12. Asal għal Attività 3. Oħloq diskussjoni dwar il-bżonn tal-kuraġġ biex nagħmlu t-tajjeb.
13. Agħlaq il-lezzjoni billi bħala klassi jaqsmu ma' xulxin it-talb ta' ringrazzjament.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. L-Appostli baqgħu jgħallmu t-tagħlim ta' Ġesù bl-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu.
2. L-Appostli nbidlu għall-aħjar wara li niżel l-Ispirtu s-Santu.
3. L-Appostli obdew lil Alla, imbagħad lin-nies.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal juru kuraġġ u avventura li jxandru lil Ġesù.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

- Il-miġja tal-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli - http://www.youtube.com/watch?v=jNiApXVR9go



## Nitolbu

Spirtu s-Santu, kun dejjem magħna

biex inkunu mimlijin bil-kuraġġ ħalli nkunu

nistgħu nxandruk quddiem kulħadd.

